MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2013

Numru. 1192/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Anthony Joseph Portelli**

**Kumpilazzjoni Nru: 1192/2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Joseph Portelli bin Anthony u Josephine nee’ Calleja, imwieled H’ Attard fil-11 ta’ Dicembru, 1973 u residenti gewwa l-fond Liliana Flat 11 Triq Gulju, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 82674(M).

Akkuzat talli fis-19 ta’ Settembru 2010 ghal habta tas-siegha u nofs ta’ filghodu (01:30am) fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1 uza kliem jew imgieba ta’ theddid, abbuziv, jew esebixxa xi materjal miktub jew stampat li kien ta’ theddid, abbuziv jew insolenti, jew xort’ ohra gab ruhu b’ dak il-mod, bil-hsieb li b’ hekk iqajjem mibeghda razzjali jew b’ hekk holoq il-probabbilta’ li meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibeghda razzjali, dan fil-konfront ta’ Abdelkader Ben Abderrazek;

2 akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bi kliem, b’ gesti, b’ kitba stampata jew le, bi stampi jew b’ xi mezz iehor vizibbli, kasbar pubblikament Religjon li mhux dik Kattolika Apostolika Rumana, inkella offenda l-istess Religjon billi kasbar lil dawk li huma ta’ din l-istess religjon u cioe’ lil Abdelkader Ben Abderrazek jew lil ministri taghha, jew kull haga li tkun oggetti ta’ devozzjoni tar-religjon jew li tkun ikkonsagrata jew iddestinata biss ghad-devozzjoni ta’ din ir-religjon;

3 akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel griehi ta’ natura hfief fuq il-persuna ta’ Abdelkader Ben Abderrazek;

4 akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qajjem rewwixta jew glieda bil-hsieb li ghamel offiza fuq il-persuna ta’ Abdelkader Ben Abderrazek;

5 akkuzat talli aktar fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hadem jew kien impjegat bhala gwardjan privat minghajr licenzja mahruga mill-awtorita’ kompetenti;

6 akkuzat aktar talli rrenda ruhu recidivi b’ sentenza tal-Qorti moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell liema sentenza hija definitiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-artikoli 49, 50, 82A(1), 164, 221, u 238 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh fid-19 a' Settembru 2010 fi Triq San Gorg San Giljan ghall-habta tas-1.30am.

Illi skond il-parte civile Abdelkader Ben Abderrazek dak in-nhar ta'l-incident huwa kien qieghed Paceville flimkien ma' siehbu Abnene Abess; hadu xi zewg fliexken birra minn xi bar u meta telqu minn hemm marru l-Havana. Pero meta resqu lejn il-bieb avvicinahom bouncer li qallhom li ma jistghux jidhlu; Abderrazek urih l-karta ta' l-identita lil dan il-bouncer pero xorta ma hallihomx jidhlu. Abderrazek insista li kellu jithalla jidhol pero l-bouncer baqa jinsisti li le u, dejjem skond Abbderrazek, il-bouncer qallu li jekk ma jitlaqx "*nahxik f'sormok... f'ghoxx pajjizek*" u mbuttah. Dak il-hin Abnene Abess qabad lil Abderrazek u gibdu 'l hemm u baqghu sejrin. Gara li Abderrazek rega' mexa fit-triq tal-Havana ra l-istess bouncer, regghu bdew jargumentaw u l-bouncer tah daqqa ta' ponn; skond Abderrazek meta l-bouncer tah daqqa ta' ponn gew xi hames bouncers ohra u kollha infexxew jaghtuh daqqiet ta' ponn u bis-sieq u jghidu "*sawwtu, dan Gharbi"*. Meta waqfu jaggreduh Abderrazek cempel lil martu (li hija pulizija) u din qaltlu biex imur jaghmel rapport ta' l-akkadut. Fil-vicin ra surgent u huwa mar jghidlu x'gara. Flimkien mas-surgent regghu marru hdejn l-Havana biex is-surgent ikellem lill-bouncer; dak il-hin rega' qam disgwid bejn Abderrazek u l-bouncer b'dan ta' l-ahhar jistidien lil Abderrazek ghall-glied.

Illi ghandu jinghad li hemm aspetti tad-depozizzjoni ta' Abderrazek li jitfghu dell fuq il-kredibilita tieghu. Hu jallega li meta l-imputat tah daqqa ta' ponn gew xi hames bouncers ohra bdew jghajtu "dan Gharbi sawtuh" u infexxew jaghtuh daqqiet ta' ponn u bis-sieq. Pero ftit minuti wara, meta l-imputat, minkejja xebgha bhal dik irnexxielu, minghajr ghajnuna ta' hadd, iqum u jmur ifittex

pulizija, dan il-pulizija kull ma nnota fih kien nefha fuq ghajnejh. In oltre meta huwa mar il-policlinic dak li gie riskontrat kien kompatibbli ma' blunt trauma fuq ghajnejh ix-xellugija; kien hemm ukoll indikazzjoni ta' girfa f'idejh ix-xellugija. L-imputat ilmenta mat-tabiba li kellu ugih f'saqajh pero irrifjuta li jittiehed x-ray.

Illi Abnene Abess tressaq bhala xhud; huwa ikkonferma li kien prezenti ma' Abderrazek f'l-ewwel stadju ta'l-incident fis-sens li kienu flimkien sa kemm marru jixorbu xi birra u mbaghad pruvaw jidhlu l-Havana. Abess jispjega li meta kienu ser jidhlu l-Havana gie l-imputat fuqhom, saqsihom ghall-karta ta' identita u qallhom li ma jistghux jidhlu; Abderrazek insista li jidhlu pero l-imputat baqa jinsisti li ma jistghux jidhlu u qallu biex imur ghax "*nahxih f'sormok"*; meta ra dan l-atteggjament Abess qabad lil siehbu u telqu 'l hemm u hu mar ikellem habib iehor tieghu meta infired minn ma' Abderrazek. Ftit tal-hin wara hu ra lil Abderrazek midrub  bil-qmis imqatta'.

Illi s-surgent li semma' Abderrazek, PS1 Joseph Busuttil, ukoll ta d-depozizzjoni tieghu. Dan is-surgent jirrakkonta li mar Abderrazek fuqu u qallu li bouncer mill-istabbiliment Havana kien tah daqqa ta' ponn; is-surgent seta' jonnota li Abderrazek kellu nefha fuq ghajnejh. Huwa flimkien ma' Aberrazek marru hdejn il-Havana biex il-parte civile jindika min kien dan il-bouncer; huwa fil-fatt indikah u dan gie identifikat mis-surgent bhala l-imputat. Meta s-surgent kien qed jiehu d-dettalji ta'l-imputat rega' qam battibekk bejn l-imputat u l-parte civile li beda jistaqsi ghalfejn ma halliehx jidhol fil-waqt li l-imputat baqa' jinsisti li ma jdahhlux. L-imputat ghamel ta' bir-ruhu li qalha daqqa ta' ponn minghand l-parte civile u nizel gharkupptejh ma'l-art pero ma kienx vera li qala daqqa. Aktar minn hekk, u dejjem quddiem l-istess surgent, l-imputat stieden lill-parte civile ghall-glied pero s-surgent irnexxielu jikkalma s-sitwazzjoni u baghat lill-parte civile biex igib cerrtifikat mediku.  Fis-26 ta' Novembru 2010 u fid-29 ta' Novembru 2010 l-imputat, fuq inizjattiva tieghu stess, mar l-ghassa ta' San Giljan; l-ewwel darba biex jinforma lill-pulizija b'xi xhieda dwar dan il-kaz (huma fil-fatt marru l-ghassa

mieghu); u t-tieni darba biex huwa jaghti l-verzjoni tieghu dwar il-kaz.

Illi l-imputat xehed quddiem din il-Qorti. Huwa jghid li xogholu l-Havana ma kienx ta' bouncer imma bhala persuna addetta mill-promotions, cioe jqassam l-biljetti bil-promotions ghall-membri ta' dan il-club. Hu jirrakkonta li fil-gurnata in ezami kien qieghed fil-bieb tal-Havana jqassam biljetti ghal drink b'xejn meta innota zewg persuni jimbuttaw u jigru ghal fuqu biex jinghataw biljett huma ukoll. Peress li ma kellhomx membership card ma taghhomx biljett ghal drink b'xejn u huma bdew jinsistu mieghu li jinghataw biljett. L-imputat sejjah lill-manager ghal struzzjonijiet u dan qallu biex ma jaghtihomx biljett u ma jhallihomx jidhlu ghaliex Abderrazek kien fis-sakra. Inqala battibekk bejn Aberrazek u l-imputat pero Abderrazek u siehbu telqu 'l hemm fuq inizjattiva ta' sieheb Abderrazek. Aktar tard l-imputat innota lil Abderrazek ftit 'l boghod mill-Havana, jaghti ma'l-art b'cintorin u jipponta lejn l-imputat u joffendih; l-imputat sejjah lis-security pero Abderrazek telaq 'l hemm; sa fejn jaf l-imputat l-incident spicca hemm.

Illi tressqu ukoll bhala xhieda Joseph Rivans u Joe Galea li huma managers fil-Havana li kkorroboraw bicciet mill-verzjoni mghotija mill-imputat.

Illi minkejja l-korroborazzjoni da parti ta' dawn l-ahhar zewg xhieda, anke l-imputat ma jistax jitqies bhala xhud kredibbli hafna. Huwa jinsisti li l-unika incident, hekk tista' ssejjahlu hekk, kien dak li nqala meta Aberrazek u siehbu pruvaw jidhlu l-Havana; jinnega kwalunnkwe incident iehor li seta' sehh wara. Dan pero jikkontrasta mhux biss ma' dak li qal Abderrazek imma anke ma' dak li qal s-surgent u li gara fil-prezenza tieghu stess.

Illi l-prosekuzzjoni prezentat ukoll ic-certifikat mediku, li Abderrazek ghadda lill-pulizija, dwar il-griehi li soffra.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma sitta: li uza kliem jew imgieba ta' theddied, abbuziv jew insolenti bil-hsieb li jqajjem mibgheda razzjali; li bi kliem gesti jew kitba kasbar pubblikament religjon li mhiex ir-religjon Kattolika; ghamel griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Abderrazek; qajjem rewwixta jew glieda bil-hsieb li ssir offiza fuq il-persuna ta' Abderrazek; li huwa impjegat jew jahdem bhala gwardjan privat minghajr licenzja; u li huwa recidiv.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f'l-artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ai fini ta' din l-imputazzjoni jrid jigi pruvat li b'l-imgieba tieghu l-imputat kien ser iqajjem mibeghda razzjali fil-konfront tal-parte civile. Jidher li l-prosekuzzjoni qed tibbaza din l-ewwel imputazzjoni fuq il-fatt li skond l-parte civile l-imputat ma halliehx jidhol il-Havana minhabba li huwa kien Tunezin u li skond m'allega Abderrazek meta daruh l-imputat u xi hames bouncers ohra sawtuh u istigaw lil xulxin u li hadd iehor biex isawtu ghax hu Gharbi.

Illi fil-verita l-unika prova in sostenn ta' din l-imputazzjoni hija l-allegazzjoni ta' Abderrazek li meta l-imputat ma halliehx jidhol fil-club huwa Tunezin. F'dan ir-rigward l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tirriproduci testwalment dak li qal Abderrazek meta kien qed jiddeponi quddiemha. Hu jghid hekk:

*.... urejtu l-ID Card qalibha hekk u qalli ma tistax tidhol.* ***Forsi ghax ra li jiena barranni u hekk***[1]*. Din il-bicca tax-xoghol ghax jien Tunezin u inti Gharbi u hekk.*[2]

Illi huwa car minn dan il-bran li Abdezzerak **assuma** li ma thalliex jidhol il-Havana minhabba li huwa Tunezin; fil-

[1] Sottolinear tal-Qorti.
[2] Ref depozizzjoni a fol 40 tal-process.

verita l-imputat qatt ma tah raguni ghalfejn ma halliehx jidhol minkejja li Abdezzerak saqsih kemm il-darba u baqa jinsisti li jkun jaf ghaliex.

Illi dwar it-tieni incident li semma Abderrazek kif diga intqal il-verzjoni ta' l-Abderrazek hija inverosismili u ma ssib l-ebda korroborazjoni, anzi l-provi juru li dak li allega Abderrazek ma sehhx.

Illi ai fini ta' din l-ewwel imputazzjoni wiehed ma jistax jinsa d-depozizzjoni ta'l-ufficjal prosekutur meta qal li huwa (minhabba xogholu fid-distrett ta' San Giljan) jaf li f'dak l-istabbiliment regolarment ikun hemm persuni b'karnagjon skura. In oltre huwa ferm relevanti li Abderrazek stess jammetti li huwa "*minn dejjem kien jidhol hemm*".

Illi tenut kont tas-suespost il-Qorti hija tal-fehma li din l-ewwel imputazzjoni ma gitex sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tieni imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f'l-artikoli 163 u 164 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 163 jipprovdi hekk:

*Kull min bi kliem, b'gesti, b'kitba, stampata jew le, bi stampi jew b'xi mezz iehor vizibbli, ikasbar pubblikament ir-Religjon Kattolika Apostolika Rumana, … , inkella joffendi r-Religjon Kattolika Apostolika Rumana billi jkasbar lil dawk li huma ta' din ir-religjon jew lill-ministri taghha, jew kull haga li tkun oggett ta' devozzjoni tar-religjon Kattolika Rumana jew li tkun ikkonsagrata jew iddestinata biss ghad-devozzjoni ta' din ir-religjon, jehel meta jinsab hati …*

Illi permezz ta'l-artikolu 164 mbaghad dan ir-reat huwa estiez ghal kull minn b'l-istess atti u/jew imgieba joffendi kull religjon ohra tollerata mill-Ligi.

Illi mill-provi akkwiziti f'dan il-process m'hemm l-ebda prova li tul it-tlett stadji ta' l-incident bejn Abderrazek u l-imputat (cioe meta kien ghadu qed jipprova jidhol il-Havana ma' Abess, meta Abderrazek wahdu rega mar hdejn l-imputat, u meta avvicina lill-imputat waqt li kien qed jakkompanja lil PS1 Joseph Busuttil) l-imputat jew xi hadd iehor semma xi religjon, Musulmana jew xorta ohra, wisq anqas li xi religjon issemmiet b'mod dispreggjattiv.

Illi ghalhekk din it-tieni imputazzjoni ukoll ma gietx pruvata.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Abderrazek.

Illi kif diga ntqal hemm aspetti tad-depozizzjoni ta' Abderrazek li jitfghu dell fuq il-kredibilita tieghu pero l-Qorti ma tarax li ghandha tiddubitah meta jghid li huwa qala' daqqa ta' ponn ghaliex f'din l-asserzjoni huwa korroborat mhux biss minn dak li qal PS1 Joseph Busuttil imma anke minn dak li gie riskontrat mit-tabiba li ezaminat lil Abderrazek.

Illi l-Qorti lanqas m'ghandha dubbju li kien l-imputat li tah din id-daqqa ta' ponn dan mhux biss a bazi ta' dak li qal Abderrazek imma anke in vista tal-fatt li anke fil-prezenza tas-surgent l-imputat stieden lil Abderrazek ghall-glied.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti din l-imputazzjoni giet sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi r-raba imputazzjoni tirreferi ghar-reat prospettat f'l-artikolu 238 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; dan jipprovdi li:

*Kull min iqajjem rewwixta jew glieda bil-hsieb li jaghmel omicidju jew offiza fuq il-persuna, jehel, meta jinsab hati …*

Illi kif diga ntqal hija inverosimili l-asserzjoni ta’ Abderrazek li fuq instigazzjoni ta’l-imputat daru ghalih xi hames bouncers u aggredewh billi bdew jaghtuh bil-ponn u bis-sieq. Il-Qorti hija konvinta li fid-19 ta’ Settembru 2010 disgwid inqala biss bejn l-imputat u Abderrazek u li ma kien hemm l-ebda persuna ohra involuta. In oltre lanqas ma ngiebet prova sufficjenti li l-imputat prova jinvolvi lill hadd iehor fil-glieda kontra Abderrazek. Ghalhekk din ir-raba imputazzjoni ma tirrizultax pruvata.

Ikkunsidrat

Illi l-hames imputazzjoni hija dik li l-imputat hadem bhala gwardjan privat minghajr licenzja kif mitlub ai termini ta’l-artikolu 3 tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi prova essenzjali biex tirrizulta din l-imputazzjoni hija l-prova li fid-19 ta’ Settembru 2010 l-imputat ma kellux licenzja biex jhadem jew jigi impjegat bhala gwardjan privat. Din il-prova ma saritx, fis-sens li ma tressaq l-ebda xhud biex jghid lill-Qorti jekk fil-gurnata imsemmija l-imputat kellux din il-licenza jew le. Fin-nuqqas ta’ din il-provi, u b’applikazzjoni tal-principju in dubbio pro reo, l-Qorti ma tistax tassumi li l-imputat ma kellux licenzja. F’dawn ic-cirkostanzi jkun inutli li l-Qorti tghaddi biex tezamina il-provi prodotti biex tara jekk fil-hin ta’l-incident l-imputat kienx qed jahdem bhala gwardjan privat jew le ghaliex anke jekk il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-imputat kien qed jahdem bhala gwardjan privat m’ghandhiex il-provi li huwa ma kellhux il-licenzja rikjesta biex jaghmel hekk.

Illi konsegwentement din il-hames imputazzjoni ma tirrizultax.

Ikkunsidrat

Illi l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar recidiva.

Illi in sostenn ta' din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni prezentat sentenza mghotija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali f'l-20 ta' Settembru 2007 peremzz ta' liema l-imputat kien gie ikkundannat hames xhur priguneirja. Peress li l-incident odjern sehh fid-19 ta' Settembru 2010 l-imputat ghandu jitqies recidiv ai fini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti hadet in konsiderazzjoni r-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ewwel, it-tieni, ir-raba u l-hames imputazzjoni u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikolu 49, 50 u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tat-tielet u tas-sitt imputazzjoni migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah multa ta' tlett mitt Euro (€300).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------